# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU


Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*


**58.** **9 ta' OTTUBRU 1909.** **IT-TIENI SENA**



FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħalha 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel disa xhur b'xejn; min ijsiebħu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand il Fotografu VELLA u għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, it-tnejn fi Strada Rjali ta'l Belt fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għa'd-Direzzjoni għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S, Vincenzo, għal l-Amministrazzjoni għand il Cav: G. E. INGLOTT, 24, Rue D'Argens, L-Imsida.**


## L-Industriji Maltin.

Għal ħabta ta'l 1760 l-industrija ta'l insiġ reġgħet refgħet rasha seŭŭa. Carlu Erbgħa, Sultan ta' Napli u ta' Skallija chien laħak Sultan ta' Spanja ŭara il meŭt bla tfal ta' ħuħ, Ferdinandu Sitta. Meta mar ijżur Barcellona is-Sultan il ġdid ta ħafna privileġġi lill cummerċjanti u lill ħaddiema ta' dic il belt biex ijkaŭŭilhom klubhom ħalli jatu rŭieħhom seŭŭa għal l-industriji. Fost daŭn tħajjru jmixxu il kuddiem l-insiġ u għalhecc bosta nissieġa maltin sabu x'jagħmlu hemm; u billi il ħajt mibrum haŭn Malta chien ijsir tajjeb ŭisk il Catalani bdeŭ ijfittxu ħafna u jħallsu tajjeb il ħajt malti u għalhecc ħafna Maltin reġħu meddeŭ għonkhom għal dana ix-xogħol b'gid cbir ta'l Gżira. U din l-industrija ta'l insiġ u ta'l ħidma ta'l koton bakgħet niżla sa'l-lum għad li ma hix fl-isbaħ ġranet tagħha.

Dina l-industrija li chienet, chif rajna, sa m'il ibgħad żmienijiet l-akŭa industrija tagħna hemm bżonn li nagħmlu chemm nistgħu biex ma inħalluhiex b'il mod il mod tintefa għal collox. L'art li chienet tati il koton lil missierijietna għadha l-istess u għalhecc għadha tista tati lilna dac li chienet tati lilhom; biss tista lilna tatina xi ħaġa aħjar billi illum nafu naħdmu l-art aħjar u b'sistemi actar mibnija fuk ix-xjenza.

Jecc missierijietna cheilhom ras fuk għonkhom u par idejn biex jistgħu jinsġu u jaħdmu, aħna għandna bħalhom u tagħna xi ħaġa aħjar billi kiegħdin ingħixu fi żmienijiet actar imdaŭŭla. Ma dan aħna għandna dac li tgħallmu bl-esperjenza u bl-istudju il ġnus l-oħra u għalhecc irjusna huma m-itfuħin iżjed u f'loc idejn illum għandna il macni li jaħdmu actar eżatt u b'actar ħeffa. Mela x'jonkosna biex nerġgħu inŭakkfu fuk riġlejha din l-industrija li kallgħet tant flus lill missierijietna u li chisbitilhom isem imfaħħar m'ad-dinja collha? Xejn ħlief li nŭaħħluha f'rasna li nmiddu għonkna. Hemm bżonn li nibdgħu nifhmu li l-imħabba lejn pajjisna ma hix biss billi cull tant immorru ingħajjtu f'il meetings (u illum lankas għadna għaliex donnha inkatgħet il moda); iżda hemm bżonn li biex inħobbu tasseŭ lill pajżani tagħna nibdgħu immixxu id-drappijiet li jintisġu fostna stess u li ma huma xejn ankas sbiħ minn xi drappijiet li jsiru f'pajjisi oħra. Per esempju il-lanchè tagħna, meta hu minsuġ tajjeb, ma hux isbaħ m'il kakì u ŭisk actar b'saħħtu minnu? U dan tista tgħid li jkum daksu. Chiecu chif chien kal darba f in-« Naħla » is-Sur G. Bosco ta' Costantina l-ilbies militari ta't-tropop ta' Malta jsir m'il-lanchè tagħna, bħal ma chienu jilbsu is-Suldati ta'd-Dejma araŭ chiecu x'cummerċ cbir chien jinħolok għal Malta u chemm nisa u xebbiet chienu jsibu fejn jakilgħu x'jieclu. Chiecu ma' daŭn (bħal ma jixtiek u ilu jitħabat ħafna is-Sur Cav: Tancredi Curmi) l-uniformi ucoll ta'l Pulizija, u ŭara daŭn ta'l massiġġieri jibdgħu jsiru ta'l-lanchè ucoll, f'Malta jistgħu jibdgħu jinbtu fabbrichi b'il macni bħal daŭc ta' Barra u li jibdgħu jatu drappijiet xejn ankas sbiħ minn daŭc ta' pajjis oħra.

Mela hemm bżonn li il Gvern ijgħinna palata u il aħna ingħinu ruħna oħra ucoll billi nibdgħu nużaŭ il-lanchè malti bħal ma chien beda jagħmel il Cav: N. Tagliaferro, u naħseb jien li meta jcollna fukna drappijiet minsugin tajjeb bħal daŭc li ŭera fl-aħħar Esposizzjoni ta'l Buschett is-Sur Ellis ma jcollniex raġun għala nitmeżmżu minnhom.

Jecc imbagħad ma irridux nidru f'it-torok bihom għal flieles ta' rasna hemm elf użu f'id-dar fejn jista ŭieħed ijdaħħalhom f'loc daŭc id-drappijiet ta' Barra li xi dakkiet ma jcunu

jisũeũ xejn u jitfeũ malajr. Mela inkaũũu ftit klubna għal gid tagħna infusna u naraũ chif nagħmlu ħalli dina l-industrija li hi kadima daks l-Istorja tagħna, m'hux biss ma tmutx iżda li tarġa tinfexx f'il ũerak u'l fjuri; ingħinu lil xulxin għa'r-risk ta' pajjisna u b'hecc ma ncunux kankalna għal xejn minn kalb il għabra ta'l antichità dina l-Istorja ta'l Industriji Maltin f'iż-żmienijiet l-imgħoddija. Il kuddiem għad nitħaddet f'it-tul fuk l-Industriji Maltin ta' żmienijietna.

# FRAC.

Nhar it-Tnejn u nhar it-Tlieta li gejjin, il 11 u it-12 ta' Ottubru, huma il ġranet ta'l Elezzjoni. Fejn għandcom tmorru tivvotaũ issibuh mictub f'iċ-certificat ta'l votazzjoni stess.

Il ħinijiet huma m'it-tmienja ta' f'il għodu sa nofs inhar, u m'it-tlieta ta' ũara nofs inhar sa's-sebgħa u nofs ta' f'il għaxija. Kabel tatu il vot tagħcom lil xi ħadd aħsbuha għal darba tnejn għaliex b'vot ũieħed biss iżjed jista jitla f'il Cunsill bniedem li jilgħabna u li jcun ta' deni cbir għal pajjis. Kejsu li meta tatu il vot ma tatuhx għax jiġu ijmellsucom jeũ għax jitlobulcom xi ħadd f'il belt jeũ raħal li jcollcom rispett jeũ obbligazzjoni lejh. Il vot għandcom tatuh fuk il *cuxjenza* tagħcom biss ũara li tcunu krajtu u smajtu il kanpiena ta' cullħadd; u tħarsux lejn il gid li il Cunsiljer ijcun jista jagħmel lilcom in persuna iżda biss lejn il gid li jista jagħmel lil pajjis. Ħallu il mibegħda u l-imħabba f'il genb u ivvotaũ ta' veri cittadini liberi, intelligenti u patriotti. Isimgħu lil cullħadd, iżnu tajjeb li jgħidulcom iżda meta tmorru biex tatu il vot tuh biss lil dac li scond il cuxjenza u id-dehen tagħcom jista jagħmel l-actar gid għal pajjis.

Jiena ġa fehimtulcom u ma hemmx bżonn narġa ingedded li il poplu hemm bżonn li jibka għalenija u ma jinferakx fi għerer ta' bejn l-ahũa, għaliex dana jcun ta' ħsara cbira għalina u il Ministru sgur meta jara hecc ma jatina xejn milli nixtieku.

Hemm bżonn li la in-Nazzjonalisti bdeũ jibnu il palazz huma u ġa lesteũ l-eũũel sular inħalluhom bi ftit sabar ieħor ijcompluh ħalli naraũ x'għandhom ħila jagħmlu u fejn jistgħu jaslu b'il programm tagħhom. Jecc naraũ li ma chellhomx il ħila jaslu fejn jixtieku huma u aħna imbagħad ijcun il ũakt li jiltakgħu tmien galantomi oħra, jistudjaũ seũũa u u b'ir-rekka programm ieħor u joħorġu bih biex jaraũ jaslux huma lejn ma ũaslux l-oħrajn.

Iżda li ũieħed joħroġ ijfixchilhom illum li għadhom ũaslu nofs-triek ma jidhirlix li hu seũũa; u f'DANA IL MUMENT id-dimissjoni ta'l Cusiljieri m'il Cunsill ma togħġobnix għaliex deni biss tista tagħmel lill pajjis. Ġaladarba il Ministru ũegħidna li għandu jistudja il qũistioni jecc għandux jatina il maġġjuranza f'il Cunsill Legislattiv u jecc għandux jarġa jdaħħal il Cleru jeũ le, hemm bżonn li ũieħed jistabar ftit ieħor sa chemm ũieħed jara x'jiddecidi dana il Ministru; jecc jakta iż-żarda għal collox allura jcun il mument li ũieħed jipprotesta ruħu u li jara chif jagħmel biex jitkankal u jitlob b'cull mezz li tatina il-ligi dac li jistħokkilna u li għandu id-dritt li jcollna.

Nistħajjel tgħiduli- « aħna xbajna nistenneũ u il Cunsiljieri li chellna ma ũaslux fejn riedu. » Il ħuta il cbira katt ma chielet l'iż-żgħira u min ijrid minn haddieħor jaħtiegħlu jitkanna u jistenna. Dina ma hix ħaġa li tiddependi m'il Cunsiljieri iżda m'il Ministru; issa jecc il Ministru għoġbu jitniccher huma xi ħtija għandhom? Taħsbu li billi nagħmlu il cummiedji sejrin inbeżżgħu b'il babaũ lil Ministru?

Tgħiduli: « Gie li xi darba tħaddit xort'oħra f'in-« Naħla » għala illum kiegħed titħaddet magħna hecc? »

Il politica dejjem id-dur scond iċ-circustanzi u dac li jcun tajjeb illum jista ma jcunx tajjeb għada jeũ cuntrarju. Jista ũieħed ucoll ijħares lejn qũistjoni minn banda ũaħda biss u jitkarrak: *Errare humanum est;* u jidhirli li jcun kiegħed jaħseb ta' galantom min ũara li jixtarr aħjar il qũistioni u jara li chien miexi f'il fehma tiegħu ħażin jarġa l-ura. *Sapientis est mutare consilium; diabolicum est perseverare in errore.* Jiena ma irridx għal l-amor propriu sbaljat ta'l fehma tiegħi immixxicom ħażin ġa la darba intbaħt li it-triek ta'l astensjoni u ta'd-dimissjoni ISSA huma ta' ħsara cbira għalicom. Il gid ta'l poplu għandu jcun l-eũũel ligi għal cull patriotta. *Salus Populi prima lex,* u fl-aħħar nett il persuna tagħna.

Mela, ja poplu, ara li ma tatix pjacir lil l-egħdeũua tiegħec li tħalli min jifirkec u ftacar li b'il chelma it-tajjba toħroġ il far m'it-tokba u li actar tisũa katra għasel minn bettija ħall. U fuk collox iflu tajjeb xi ħsieb, x'xeũkat għandu min jitlobcom il vot u jecc tintebħu li jrid jitla hemm fuk biex jitchessah, biex jogħla, biex ijpappi jeũ biex jati b'is-siek la tatuhx vot; u kejsu lì fuk collox taħtru l-ONESTI, il GALANTOMI, dauc li ma jinxtraũx b'il flus u b'iż-żegħil. Jecc ixxommu li xi ũieħed minn daũn jitlobcom il vot la tatuhulux ijcun ta' liema partit ijcun. Aħjar tħallu is-siġġu vojt sa chemm issibu bniedem galantom u capaci għal kalbcom għaliex b'hecc ma jista jiġrilcom l-ebda ħsara milli ittellgħu bniedem li jibdilcom u jilgħabcom ma l-eũũel tmellisa; u dana kiegħed ingħidu għa'ż-żeũġ partiti: iftħu għajnejcom tajjeb minn daũna u ibżgħu minnhom bħal bard ta' jannar. Ftacru li l-onestà hi il basi ta cull politica u li il Cunsiljier li ma jcunx onest deni cbir biss jista jagħmlilcom. Mela ħallu l-interess personali u il passioni f'il genb, ħarsu biss lejn il gid ta'l pajjis u tellgħu hemm fuk nies li jinkalgħu biex jiddefenducom u fuk collox aħtru dejjem il GALANTOMI.

Nifraħ b'kalbi collha l'is-Surmast Lũigi Billion ta' Ta's-Sliema talli għaddeũlu ħafna tfal fl-eżamijiet ta'l Liceo. Cullħadd jaf li is-Sur Billion m'hux biss hu intelligenti ħafna iżda li hu ũieħed minn dauc it-surmastrijiet li jgħallmu b'ħafna rekka u ħrara lil l-isculari tagħhom. Għaldakstant min jerħi l-uliedu f'idejh ma jibdielux.

Krajt il programm li ħareġ il Partit Liberali u li chitbu l-Avucat intelligenti ħafna Costantin Roncali u minnu fhimt li dac li kal is-Sur Dalli f'il programm tiegħu tħalla f'il genb collox biex kabdu triek oħra igifieri li jipprotestaũ irũieħhom contra il Gvern ta' Malta talli għamel l-elezzjonijiet kabel ma ħareġ il Littri Patenti fuk it-tibdil li għandu jsir f'il Costituzzjoni, u li dina il protesta għandhom daũna il Liberali jagħmluha billi jiddimettu irũieħhom.

Il Gvern għamel ħażin iżda id-dritt li jħoll il Cunsill hu f'idejh u ma jista jindaħallu ħadd.

Biss nistaksi lil Liberali. U għalhecc biss jidhrilcom li chien hemm għalfejn toforku il poplu f'żeũġ partiti? għal hecc biss hemm għalfejn ũieħed joħlok partit m'il ġdid? U il protesta fuk l-Esecuttiv, fuk it-tliet mitt lira u x'naf jien x'sar minnhom? ma għadcomx titmasħnu fukhom? U għala ma għedtulniex jecc tcunu maħtura META bi ħsiebcom titilku

m'il Cunsill? Ma jidħrilcomx mela li chiecu iccuncertajtu programm aħjar u actar b'il qŭiet f'mument actar addattat għal gid ta'l pajjis contu toħorġu actar bl-unur?

Iżda hemm fostcom min b'għajb cbir għemietu il marrara ta'l personalità u hemm min daħru jieclu biex jokgħod fuk is siġġu ta'l bellus u għalhecc ma tistgħux f'dana il mument tirraġunaŭ b'iż-żejjed seŭŭa għal gid ta'l pajjis. Il ftit fostcom li tkanklu għax ijħobbu il pajjishom u biex jagħmlulu il gid ma ħasbuhiex b'iż-żejjed għaliex chiecu tehmu id-deni li jistgħu jagħmlu ma chienux bħalha galantomi u patriotti li huma jitkanklu f'dana il mument.

Jidhirli li jagħmel ħażin dac ucoll li jħallat il ħażin ta' xi Cunsiljieri ma'l principji ta'l politica li jirrappresentaŭ. Jecc jidrilcom li daŭn ma għandhomx jitilgħu f'il Cunsill la ittellgħuhomx, ħallu is-siġġu tagħhom vojt sa issir elezzjoni oħra biex hecc icollcom iż-żmien li taħtru nies seŭŭa u għal kalbcom.

★

Jiddispjacini li f'il Festa Nazzjonali ma contx haŭn, iżda għarrfuni li irnexxiet ŭisk u għalhecc ħakkhom tifħir cbir daŭc collha li ħadmu għaliha. Kaluli ucoll li l-Avucat Mercieca għamel discors b'it-taljan sabiħ ŭisk. Bravi! dina il festa hemm bżonn li ma tinkata katt!

★

Nhar is-Sibt li gej, fi Strada it-Torri kuddiem il bidu ta' Strada Catedrale, sejjra tiftaħ l-Ispiżżerija il Ġdida ta's-Sur Vassallo b'medicini m'il aħjar u bi prezzijiet ħelŭa ħafna. Iżżagħżuħ hu dħuli u ta' ħila u għalhecc nirraccomandaŭh b'kalbna collha.

★

Il Gvernatur il ġdid Rundle ŭasal u ħa il ħacma ta'l Ġżira taħt idejh. Nitimgħu li taħtu il Gżejjer tagħna jieħdu ftit ta'r-ruħ u li aħna nakilgħu dac li ilna tant nixtieku u li għandna dritt għalieh.

★

Meta ŭsalt Paliermu mort infittex, biex narah, lil ħabib tiegħi għażiż, il cbir oratur Dumnican PATRI LOMBARDO, iżda b'għafsa ta' kalb cbira sibt li chien miet ftit ġranet kabel. Chien ragel għaref u tŭajjeb tasseŭ u id-Dumnicani tilfu fih ŭaħda m'il aħjar rjus li għandhom. Alla jatih sgur f'il Genna il ħlas ta'l għamil tajjeb tiegħu. Nitolbu għalih!

★

Meta nispiċċa m'id-descrizzjoni ta'l Congress ta'l Esperanto bi ħsiebni nibda ħaġa li sgur togħġob lil l-imsieħbin ta'n-«Naħla» collha. Taħt l-isem ta' «Bogħod minn Malta» bi ħsiebni niddescrivilcom il bliet u il ħŭejjeġ sbiħ collha li rajt f'Marsilja, Montpellier, Tolosa, Arcachon, Mimizan, Lourdes, Tarbes, Narbonne, Perpignan, Barcellona, Valenzja, Genova, Napli u Palermu u fost l-oħrajn il *Corrida ta't-Tori* li rajt f'Barcellona, l-Esposizzjoni li rajt fValenzja u iċ-Cimiterju famus ta' Genŭa li hu l-isbaħ ŭieħed ta'd-dinja. Actarx ingibilcom ucoll xi stampi ta' l-actar monumenti importanti.

B'daksecc minn katt ma siefer jista jifhem chemm ħŭejjeġ sbiħ hemm x'jara Barra; min bi ħsiebu jsiefer ijcollu bħal gŭida ta' daŭna il pajjisi u fl-istess ħin nitħaddet magħcom fuk l-istorja ta' daŭna il bliet, fuk in-nies cbar li fihom, fuk l-indusriji li jinsabu fihom u fuk ħafna ħŭejjeġ sbiħ li jistgħu jibdgħu jsiru f'Malta b'gid cbir ta'l pajjis.

Min hu dac li ma jieħux pjacir jakra fuk tant pajjisi sbiħ u fuk il monumenti u id-draŭŭiet tagħhom?

# TLAKKIT.

**Il Professur Thomas Rees** meta chien tifel chien jaħdem f'irraba u imbagħad daħal f'minjiera jakta il faħam. B'il ġbir bagħtuh l-iscola meta raŭ li chellu moħħu tajjeb ħafna u ta' tnejn u għoxrin sena ħa il-laŭrja fl-Università ta' Londra. Ta' tlietin sena laħak Professur ta't-Teologija u ta' erbgħin laħak' Principal ta' ŭieħed m'il akŭa culleġġi li hemm fl-Inghilterra.

**Sir Thomas Dewar**, li tiegħu nixorbu il whisky famusa beda ħajjtu joktol il grieden l'in nies b'is-sold il ŭieħed! Illum b'ħiltu sar proprietarju ta' Dar famusa u *Sir* ucoll.

**Dr: Murray** beda il famus dizzjunarju inglis tiegħu ŭieħed u għoxrin sena ilu u ma jcunx lest kabel erba snin oħra igifieri b'collox ħamsa u għoxrin sena xogħol bla nifs. Iżda id-Dizzjunarju li l-actar ħa żmien hu dac li ħiereġ f'Amsterdam, il «Woorden-Boek der Nederlandsche Taal» li beda joħroġ fl-1852 u għadhom ŭaslu f'nofsu biss.

**Pinna** minn daŭc li biha gie iffirmat it-trattat ta' Amiens fl-1801 imbigħet ħames mitt lira.

**L-iscrivan ta'l-London County Council** għandu elfejn lira salarju f'is-sena.

**Ir-Re Dŭardu** tŭieled nhar ta' Tlieta, nhar ta' Tlieta ħeles m'il marda kalila ta'l *appendicite* li chienet għoddha ġarrfithu f'il kabar u laħak f'it-tron nhar ta' Tlieta ucoll.

★

## IL FERMENTIN

hu imfaħħar m'il aħjar tobba ta'd-dinja għaliex hu l-aħjar rimedju li sabu s'issa għa'd-diabete u għa't-traċni li jiġu magħha.

Isimgħu x'ijgħid il għaref Tabib Prof: P- Postempski, id Direttur ta'l Isptar S. Ġacbu ta' Ruma.

«Jiena nista nisguracom li użajt chemm il darba għal morda tiegħi il **Fermentin** f'id-DIABETE u f'it-TRAC'NI u li jiena dejjem ħriġt cuntent billi il morda dejjem għaddeŭ għa't-tajjeb u ŭisk drabi fieku għal collox.»

Mela ippruvaŭh u ma jibdielcomx.

## TEATRO MANOEL

IL HADD 10 TA OTTUBRU 1909

**ZEUG' RECITI**

MATTINE'

FL'4 TA UARA NOFS INHAR

**AIDA**

VUDVILL—PARODIJA BI 3 ATTI U PROLOGU

B'messa in scena mill'acbar—BANDA FUK IL PALC u b'90 ruh bejn artisti, cori, cumparsi etc.

**FIL GHAXIJA**

FIT-8 U NOFS TA BIL-LEIL

**BUTTERFLY**

VUDVILL—PARODIJA BI 3 ATTI.

Fiz-zeuġ reċti jeħdu parti Spiteri, Bartlu, Camilleri, Saliba, Vidal, Borg etc. etc.

IMPURTANTI!—Kabel ma ŭieħed jemmen li ma jcunx baka fit-Tiatru postijiet għal bejh, għandu jinżel isaksi fil botteghin ta li stess Tiatru.

Is-Sur Tonin Dalli kal li jiena meta gejt m'is-safar biddilt il politica tiegħi. Għallankas għaddeŭ xahrejn! Chemm hi acbar tiegħu li biddel il programm elettorali ŭara ftit ġranet. Fuk dan għad nitħaddtu il kuddiem għax il gazzetta chienet ġa composta.

A. L.

# DI ALCUNE PIANTE SELVATICHE
## CHE POSSONO SERVIRE DI NUTRIMENTO ALL'UOMO

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

La famiglia delle Atriplicee comprende alcuni generi alimentari, sopra tutto quello che ha dato il nome alla famiglia, il genere Atriplex le cui specie sono tutte commestibili. Nelle nostre terre vegeta la specie Atriplex angustifolia di Smith ed il genere Chenopodium di cui presso di noi si son descritte le specie seguenti Ch. rubrum, Ch. melanospermum, Ch. viride *Għobbejra hadra*, Ch. Ambrosioides *Te falz*, Ch. marittimum *Għobbejra tal irmied*, e la specie Ch. Vulvaria *Għobbejra nettiena* la sola che non è commestibile.

Non avea intenzione di parlare di veruna delle piante comprese nella famiglia delle Solanacee, ma essendomi incontrato con alcuni fatti rimarchevoli, riportati dal naturalista Braconnot, in una sua memoria inserita nel giornale di chimica medica di giugno passato ho cambiato pensiero.

Diverse specie del genere Solanum crescono nei nostri terreni, fra le quali si nota la specie S. Nigrum *Gheneb el dib.* Questa pianta reputata nociva, non solo presso di noi ma pure in Francia e in Italia, è commestibile nell'isola di Borbone e nelle isole delle Antille; i creoli portatisi in Francia lo ricercano, e senza risentirne alcun male ne mangiano come fanno nei loro paesi nativi.

Nei nostri terreni parecchie piante alimentari della numerosa famiglia delle Leguminose vivono trascurate, come l'Astragalus boeticus, che si coltiva in grande in Isvezia, i cui semi nutritivi furono ricercatissimi in Portogallo ai tempi della carestia prodotta dalla guerra continentale: parimenti poco o nulla si considerano dai nostri contadini le varie specie di Lathyrus descritte dal prelodato professore Zerafa, cioè L. sylvestris, L. aphaca *Porvlina,* L. articulatus, L. tenuifolius del Desfontaines, e la specie raccolta ultimamente dal mio collega Dr: Grech Delicata la L. Ochrus, la quale è estesamente coltivata nella Provenza. Sono neglette del pari le seguenti specie di Lotus; L. tetragonologus *Krempuċ,* L. ornithopoides, L. cytisoides, L. corniculatus, e finalmente la specie L. edulis, pianta eminentemente commestibile, i cui semi dolciastri e i più grandi del genere Lotus, formano, come una sostanza alimentare, un articolo di commercio nei mercati di Candia, di Tunesi e di Tripoli.

Della famiglia delle Borraginee, oltre il genere Borrago, vive nei nostri campi il Symphytum officinale. Questa pianta conosciuta pure col nome di Consolida Maggiore è stata sperimentata di poca o nessuna entità ne'll'arte salutare; essa ha le sue radici grosse, carnose, inodore, nella composizione delle quali i chimici hanno trovato una grande quantità di mucillaggine: e le sue foglie teneri, e le sue radici si mangiano in alcune campagne della Francia.

La famiglia delle Cicoriacee, oltre il genere Cichorium, comprende altri le cui specie sono pure alimentari. Il genere Lonchus contiene molte piante europee, alcune delle quali son un buon foraggio, ed altre servono di alimento all'uomo, purchè si prendano prima che non se ne formi il succo. Della specie che abbiamo qui il S. oleraceus *Tfief* nei paesi del Nord e in Italia si mangiano le foglie teneri, i rampolli, e le radici. Altro genere delle Cicoriacee: il Tragopogon contiene varie specie alimentari: i Calmucchi si cibano co' fusti anche crudi del Tragopogon villosum: come eduli si considerano pure le specie che vivono nei nostri terreni, il T. porrifolium, e il T. Cupanii del Gussone, che cresce in gran quantità nelle terre *Tal Puales.*

Il Leontodon, genere della stessa famiglia, ha delle specie che sono molto nutritive: la specie che alligna quivi da per ogni dove, sì nei colti che negli incolti terreni. Il L. minimum del Brignoli, è una pianta molto alimentare; si usano i suoi polloni e le sue radici cotte ed anche crude.

Il genere Cardus, che ha dato il nome alla famiglia delle Cardacee, racchiude diverse specie commestibili: nelle campagne della Russia si mangiano le foglie del C. oleraceus, come si mangiano quelle dei cavoli; gli abitanti del Samoland mangiano i germogli e le radici del C. palustris. Le nostre torre ci offrono il C. pycnocephalus *Horfox*, e il C. marianus, le cui foglie teneri usansi come alimento in varie contrade dell'Europa.

Le seguenti piante della famiglia delle Ombellifere, che allignano nei nostri terreni possono servire di nutrimento, l'Eryngium marittimum, che il nostro vecchio botanico trovò nei campi arenosi, e delle cui sommità, secondo la testimonianza di Belon, si cibano gli abitanti dell'isola di Creta: lo Scandix Pecten Veneris *Maxxita*, le cui frutta sono alimentari secondo Lemery. e la pianta Smyrnium olusatrum, di cui in alcuni paesi si mangiano i germogli e le radici, dopo di aver fatto perdere a queste l'amarezza, conservandole lungamente in un luogo umido.

La famiglia delle Malvacee comprende moltissime piante tra le quali si notano gli alberi più grandi, che esistono in natura, il Baobab, e il Bombax, ambi propri dell'Affrica. Un gran numero dei suoi generi abbraccia piante prive di odore, e di sapore, e contenenti una buona dose di mucillagine nutritiva: di questa qualità sono forniti i generi Malva ed Altoea. Nel suolo maltese vegetano le seguenti specie del genere: la Malva sylvestris *Hobbejza*, la M. nicacensis del Wildenow, la M. parvifolia, e la specie raccolta dal Dr. Delicata, M. cretica. I Greci e i Romani riguardavano la prima specie come alimentare, e ne mangiavano le foglie cotte: nello China, e anche nel Basso Egitto, queste foglie si ricercano come commestibili: in Italia, secondo le relazioni del Mattioli, se ne mangiano le foglie ed i loro germogli, non meno che in alcune provincie della Francia: i fanciulli di diverse nazioni masticano con certo piacere i semi di tale pianta, e ciò si osserva pure presso di noi.

La famiglia delle Crocifere comprende, come ben è noto, molte piante alimentari, nei nostri terreni vegetano le piante Raphanus raphinistrum, R. sativus *Figel*, Sinapis arvensis, S. incana, Nasturtium officinale *Crexxjuni*, Brassica campestris *Lifťia.*

Le proprietà commestibili di queste piante sono conosciute dal volge, e quindi, come ho promesso in sin dal principio, mi astengo di farne parola; dirò soltanto, che si potrebbero aggiungere come eduli altre due specie meno cognite cioè: il Lepidum graminifolium, e il Thlaspi perfoliatum, le cui foglie, come assicura Gandel, sono molto nutritive.

La famiglia delle Cariofille ci offre pur qualche pianta edule: il Cucubalus Beheñ, il quale vegeta in abbondanza nei margini dei nostri campi, è commestibile nelle Montagne dell'Alvernia.

Nutrisco non dissimilmente i giovani germogli della Urtica dioca *Horrik*, della famiglia delle Urtiche, che vegeta in tutti' i locali e nelle strade poco frequentate della nostra compagna, quelli dell' Urtica membranacea del Poiret, raccolta la prime volta nelle nostre terre dal botanico svedese, membro di questa società, C. F. Nyman: e alimentano pure le foglie teneri di un'altra pianta della stessa famiglia, il Thelygonum cynocrambe, che vegeta nei nostri prati.

Ma ormai uopo è che ponga fine al mio dire, avrei potuto prolungarmi di più con dimostrare proprietà nutritive in diverse specie del genere Centaurea, fra le quali avrei accennato la specie C. grassifolia del Bertoloni, pianta propria ed esclusiva del nostro terreno, fatta conoscere ai botanici per la prima volta dal nostro professore Zerafa: avrei potuto parlare pur anche di simile proprietà nei nostri Ranuncoli, fra i quali avrei indicato la specie Ranunculus ficaria, o Ficaria ranunculoides, pianta che in Francia nel 1817 è stata con premura raccolte nelle vicinanze di Nancy dai poveri di quella contrada, i quali senza verun inconveniente se ne mangiarono come assicura di aver veduto, e di aver egli stesso gustato il su accennato Braconnot: similmente della pianta Triglochin barrelieri, di cui, nel 1830, studente di botanica, ho fatto conoscere la vegetazione nelle nostre terre al prelodato professore Zerafa. Non avrei nè anche passato sotto silenzio le proprietà alimentari di alcune delle nostre specie del genere Bellis, della specie Mercurialis annua *Buribka*, dell'Amaranthus blitum, della Campanula erinus, poggiandomi alla valevole autorità di Linneo, il quale nella sua filosofia botanica scrisse, che *Genere convenientes* (idest plantae) *easdem possident vires*, però temendo di abusare della loro sofferenza qui finisco.

FINE.

# Il Congress ta'l Esperanto.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

Ŭara is-Sindcu u il Cbarat daŭŭruna dac il palazz famus li jgħaxxak b'il qŭadri sbiħ u il ħŭejjeġ kodma li fih.

Dana ġara f'il ħamsa ta' ŭara nofs inhar; u dic il ġurnata ma toħroġ katt minn moħħi għaliex m'hux biss chelli il cbira xorti li nieħu geŭŭa idejja l-id ta' dac il bniedem għaref li ta' l'-id-dinja lingŭa tant meħtieġa u sabiħa u l'-id ta's-Sinjura tiegħu li hi anġlu ta' ħleŭŭa u ta' tjubija; iżda għaliex it-tnejn refgħu u biesu l-ulieđi billi tant ħadu gost meta raŭ li geŭ minn tant pajjis bogħod u li huma chienu l-iżgħar tfal li chien hemm fost il Congressisti. Dic il beŭsa hi għalihom l-actar tifchira għażiża u meta għad jicbru u għad ijgħaddu is-snin minn fukhom u għad jicber u jixxerred l'Esperanto u Zamenhof ijcun magħdud bħalha ŭieħed m'il acbar benefatturi ta'l bniedmin għad jiftacru li dac il bniedem cbir darba fuk ġbinhom tagħom il beŭsa ta'l imħabba. Hemm ucoll rajt għal l-eŭŭel darba ħafna minn daŭc l-esperantisti egħżież li jiena cont ili niccorrispondi magħhom minn ħafna żmien kabel.

Is-Sindcu u il cbarat l-oħra ŭara li daru il Palazz ħadu l'id-Dr: Zamenhof u l'is-Sinjura tiegħu jduru il Belt f'il carrozzi.

L-agħda sar il ftuħ ta'l Congress f'il Palazz famus ta'l Belle Arti li hu ŭieħed m'il isbaħ ta' Barcellona u li fih sala li tlaħħak daks il Pjazza San Ġorġ ta'l Belt tagħna. L-orgni li fih imbagħad ijgħaxxkec u kam flejjes cbar. Meta jindakk, tisma banda sbiħa u jcanta b'il leħnijiet l-istess bħal ta'l bniedmin b'mod tant perfett li jkarrac bic.

Iżda kabel ma ngħaddi biex infehimcom ftit fuk il festi cbar li saru irrid ingħidilcom li bħal ma il Congress ta'l Esperanto fi Dresda, is-sena l-oħra sar taħt il protezzjoni ta'l Princep ta's-Sassonja hecc ucoll dana il Congress ta' Barcellona sar taħt il protezzjoni ta's-Sultan Alfonsu, ta'l Princep Carlu ta' Borbone u ta'l Ministri collha ta' Spanja. Is-Sultan u il Ministri tiegħu bagħtu ħafna telegrammi sbiħ, bosta minnhom mictuba bl-Esperanto biex ferħulna u kaŭŭeŭlna klubna u li inkraŭ fost ħafna tfakkiegħ ta' idejn.

Dana juri b'iċ-ċar li l-Esperanto kiegħdin jatu casu is-Slaten u il Ministri ucoll u għalhecc nistgħu nibdgħu inrabbu it-tama li ma jdumx ma jigi imgħallem *ufficjalment* fl-ischejjel ta' ħafna nazzjonijiet. Il chittieba imfaħħra *Carmen Sylva*, li hi ir-Regina ta'r-Rumanija, ŭiegħdet li malli titgħallmu seŭŭa għandha ticteb romanz bl-Esperanto. Is-Sultan ta'l Greċja jafu seŭŭa u is-Sultan ta'l Italja tgħallmu u faħħru ucoll. Is-Sultan tan-Norveġja ried li jgħallmuh lil l-ibnu Olaf flimchien ma'l lingŭi l-oħra u frattant haŭn Malta għad haŭn min jitbissem jidħak meta jisma l-isem ta'l Esperanto. Iżda minn dana biss tista tchejjel l-injoranza ta' dana u chiecu gie sa'l Congress u ra chemm professuri gŭappi ta'l akŭa Universitajjiet ta'l Eŭropa u ta'l America tchellmu bih, chien ijgħatti ŭiċċu u jistħi li s'issa għadu ma tgħallmux u li ma ŭaħħalx f'sidru *l-istilla ħadra*.

Chiecu ŭieħed kabeż kabża sa'l Congress u chien jisma ucoll, minn f'il għodu sa f'il għaxija, dakka ta' elfejn ruħ, ta' għoxrin nazzjon differenti, jitchellmu b'ħeffa cbira u m'hux biss jiftiehmu iżda jiċċajtaŭ bl-Esperanto ma chienx jibka jissofistica iżjed u jgħid li hi ħaġa li *ma tistax tcun, li hi ħolma* u x'naf jien. Jien kattajt nofs ta' nhar ma ŭieħed torc; dorna ħafna flimchien u ftehimna seŭŭa fuk dac li ridna. L-istess ġrali ma' spiżżjar danis, ma' fizzjal m'il Bosnija, ma' Avucat m'is-Serbja, ma' tabib russu, ma' surmast m'il Finlandja, ma' student minn Tiflis f'il Caŭcasu li jicteb poeżiji sbiħ ħafna. U il pronunzja ta' collha hi ċara seŭŭa li tifimhom mingħajr tbatija. L-isbaħ li jitchellmuh huma l-Ispanjoli u it-Taljani.

Mela l-Esperanto ma hix ħolma, u lankas lingŭa għal cotba u għal cummerċ biss, iżda lingŭa ħajja bħal lingŭi l-oħra u li biha ŭieħed jista jinkeda tajjeb għal vjaġġi u għal bżonnijiet collha tiegħu. U hi ħaġa tasseŭ sabiħa li tiftiehem ma' nies ta' għoxrin nazzjon differenti m'il irchejjen collha ta'd-dinja b-lingŭa meta ma tcunx ħlejt actar minn gimgħa biex titgħallimha.

Il ftuħ ta'l Congress f'il Palazz ta'l Belle Arti chien xi ħaġa sabiħa tasseŭ. Kabel inbdiet il Festa l-Esperantisti ta' cull nazzjon iltakgħu bejniethom f'is-sŭali cbar li hemm u ħatru ŭieħed minn cull nazzjon biex jirrappresentahom u biex jati is-sliem annom ta'n-nazzjon tiegħu l'id-Dr: Zamenhof u lil Congressisti. Ingħażlu xi għoxrin ŭieħed u fosthom is-Sur Bolingbroke Mudie biex jidher għal l-Inghilterra. Bosta talbuni biex nitchellem għal Malta iżda jiena ma ridt bl-ebda mot billi kabel mort ma ħadtx dana il permess m'il Esperantisti ta' Malta; u billi jiena ma ridtx nitla fuk il palc bħal l-oħrajn u inŭiegħed li ma għandix nitħabat għa'r-riformi ma intrigajtx għaliex chiecu meta studjajt il Volapuk ŭiegħidt l'id-Dr: Schleyer, l-aŭtur tiegħu, li ma għandix nistudja lingŭa oħra internazzjonali ħlief tiegħu, ma cont nista katt insir Esperantista. Għaldakstant is-Sur Bolingbroke Mudie deher għa'ż-*Zamenhofa Grupo* biss, għad li dana il grupp ilu mejjet minn ħafna snin u li għad li f'it-*Tutmonda Jarlibro* jidher bħalha President tiegħu sa'l-lum il Cav: N. Tagliaferro dana ilu li telak fuk l erba snin tant li f'il koxra ta'l *British Esperantist* jidher biss l-isem ta't-Tabib Gustavo Busuttil bħal Segretarju u le l-isem ta's-Sur Tagliaferro bħalha President. Ŭara li tchellmu il President ta'l Congress Pujula, is-Sindcu u xi cbarat oħra tchellmu ŭieħed ŭara l-ieħor ir-Rappresentanti ta'n-nazzjonijiet u tnejn minnhom is-Sur Van Schoor u Van der Beist dehru annom ta's-Sultan ta'l Belġju *ufficjalment*. Collha geŭ milkugħa b'it-tfakkigħ ta'l idejn u l-actar id-Dr: Zamenhof għa'd-discors sabiħ li għamel bl-Esperanto. (*Jissocta*).

# Għomja Famusi.

*(Jissoctaŭ minn numru ta' kabel.)*

### Hendrickson

hu ŭieħed m'il akŭa negozjanti li hemm fl-America u li għad li ilu ħafna bla daŭl mexxa l-affarijiet tiegħu tajjeb ħafna u stagħna.

### Mlle Boulay

għad li bla daŭl ħadet l-eŭŭel premju fi tliet ħŭejjeġ f'il Conservatorju ta' Parigi, t'ad-dakk ta'l orgni, ta'l armonija u ta'l fughi; u aħna f'Malta chellna il

### Mastru Indrì Borg

m'il Belt, scular ta' Rull, li beda l-istudju tiegħu b'il flejġuta u complieh b'il clarinett u irnexxa ħafna f'il musica u bħalha Surmast ta'l Banda. Tŭieled fl-1818 u ta' sentejn tilef id-daŭl. Dana ħallielna xogħol tiegħu ħafna ballabili sbiħ u sitt marċji funebri, ħames inni cantati m'it-tfal *a piena banda* u hu chien li chiteb f'Malta l-eŭŭel innu biex jitcanta m'it-tfal u dana chien għal festa ta' S. Dumincu ta'l Belt ta'l 1860; u għal l-inni tiegħu chienu jictbulu poeżiji b'it-taljan Brighella, il Prof: Crescimanno, il Prof: G. A. Vassallo u oħrajn gŭappi, u dana juri li il musica li chien jaf jicteb hu chienet sabiħa tasseŭ. Chien hu li irranġa u seŭŭa sitta u sittin orgni u fosthom dac ta' San Paŭl ta'l Belt li fih 1037 canna. U tafu chif? Inkalgħu daŭn il canni colliha minn posthom meta inħattet il faċċata il kadima, ittieħdu f'maħżen u stivaŭhom imħalltin. Ŭara sentejn meta chienet lesta is-sabiħa faċċata fuk id-disinn ta'l Prof: Nicol Zammit dana Mastru Indrì chellu il ħila jagħrafhom ŭaħda b'ŭaħda u jarġa jarma l-orgnì chif chien kabel. Ħaġa tasseŭ ta'l għageb!

Chiteb, jeŭ aħjar iddetta, Trattat ta'l Musica b'il malti biex fihem l-Armonija, il Partimenti u il Contrapont fi ctieb ta' mija u ħamsin paġna, fl-1854. Is-Sur Pietru Paŭl Castagna, dac li chiteb l-Istorja ta' Malta b'il malti u li sgur chien rah ijgħidilna fuku: « ctieb denn ta' l-eŭŭel Biblioteca, ctieb li għajb li ma hux stampat u imxerred f'idejn id-Dilettanti tagħna. » u jispiċċa il chelmtejn li gieb fuku f'il lista ta'l Musicisti Maltin fl-Istorja tiegħu billi ħalla mictub :— « u jecc ma hux ta' min ijsemmi dan l-Imgħallem Mastru Indrì, min hu l-Artista li ijmissu jcun imfaħħar fl-Istorja tagħna ? » U għandu raġun.

Dana Mastru Indrì chien għakkad banda li billi dac iż-żmien, bħal ma fl-antic ucoll, f'cull tieġ, cull meta jigi xi ŭieħed m'is-safar, f'cull tŭelid, f'cull festa ta'l kaddis ta'l belt li tcun, fl-eŭŭel ta's-sena, cull meta ŭieħed jirbaħ xi caŭża seŭŭa, cull meta ŭieħed ijgħaddi m'il eżami u x'naf jien, fi ftit cliem f'cull ħaġa ta' ferħ chien jigi id-dakk ŭara il bieb chienet imfittxa ŭisk billi chienet l-aħjar ŭaħda; u għalhecc meta chien ijsir xi tieġ seŭŭa cont tisma il girien ijlabilbu: « Balleċ sejjrin ijgibu id-dakk ta' Indrì l-Għama. »

Dana il musica chien jictibha hecc: chellu lavanja b'irrighi ta,l musica, chien ijżomm ħdejh bcejjeċ ta'x-xama, jfettilhom boċċa, boċċa u jŭaħħal ŭaħda cull fejn ijrid ijkiegħed nota; ŭara xi ħadd chien jiccopjalu dic il musica fuk il carta.

Xi ħadd għarrafni li għandu ibnu ħaj u li jiddiletta b'il poeżija maltija; jecc hu hecc nixtiek li jiġborli fuk missieru xi ħaġ'oħra li ma haŭnx imniżżla ħall inżida f'in-« Naħla »; għaliex Mastru Indrì hu tasseŭ ŭieħed m'il actar għomja intelligenti li chellna.

*(Jissocta.)*

# Il Mistoksija oħt il Għerf.

**Lil G. A.** (Sliema).

Iva, scond il għaref tabib ingliż Taylor ŭieħed jista jcun mitluf minn sensih, it-taħbit ta' kalbu ma jcun jinħass bl-ebda mod, ma jcunx juri li kiegħed jieħu nifs u ma jiċċaklakx għal żmien u fl-istess ħin għad li taħsbu mejjet ma jcunx. Anzi hemm xi nies, bħal ma chien il Curunell ingliż Townsend, li meta jridu jżommu in-nifs u lil kalbhom ma tħabbatx u għal nofs siegħa ma jatu l-ebda turija ta'l ħajja. Braid fl-opra famusa tiegħu « Observations on Trance or Human Hibernation » ijsemmi cas li jixhed għalieh Sir Claude M. Wade ta' Fakir (Kaddis ta'l Indjani) li difnuh taħt l-art u ħalleŭ il għassa lejl u nhar miegħu għal *sitt gimgħat sħaħ*. Il Princep Runjeet Singh darbtejn fetaħ il kabar f'dan iż-żmien u sabu dejjem chif kiegħduh. Ŭara is-sitt gimgħat raġa stembaħ kaŭŭi u sħiħ; u casi oħra bħal daŭn insibu f'A. Boileau « Narrative of a Journey in Raywara » u f'Dr: Mayo « Letters on the Truths contained in Popular Superstitions. »

Għaldakstant billi ŭieħed ma jiċċaklakx, jeŭ ma jieħux nifs jeŭ kalbu ma tħabbatx iżjed ma hux b'iż-żejjed biex tista tgħid li bniedem hu mejjet. Il cbir Carpenter f'il « Principles of Human Physiology » ijgħid: « no reliance is to be placed upon the apparent cessation of the heart's action and of the respiratory movements. The most satisfactory proof, however, is given by putrefaction. » Għalhecc immela biex tcun sgur li bniedem hu mejjet u ma tidfnux ħaj bħal ma ġara chemm il darba u iġgegħlu jmut fgat b'meŭta l-actar cherha kis li f'il catavru tibda tara u ixxomm l-intiena għaliex meta il gisem jinten biss tcun tista tgħid li hu mejjet tasseu. U meta jmutilcom xi ħadd kisu li iġgibu l'it-tabib id-dar biex jeżamina tajjeb il cadavru u tħalluhomx joħorġu bih kabel ma jgħidilcom dana li beda jinten u b'hecc ijcun miet tasseu.

It-Taylor li semmejna jgħid ucoll li « The state of syncope is sometimes so complete, that the heart's action cannot be perceived nor any respiratory movements be observed, all consciousness and power of movement being at the same time abolished; and yet recovery has spontaneously taken place; and certain individuals have possessed the power of *voluntarily* inducing this condition as in the case of Col: Townsend. »

★

# CRONOLOGIJA TA' MALTA.

Ottubru.

11—1716. Giet iċconsagrata il Cnisja Matrici ta' Għaŭdex.

12—1569. Il Cunsill Popolari ħalla xi flus biex jintgħataŭ dota lil daŭc ix-xbejbiet fokra li ma chienx ijcollhom biex jiżżeŭġu.

13—1782. Giet iċconsagrata il Parroċċa ta'l Krendi.

14—1729. Infetaħ l-Isptar ta' Għaŭdex.

15—1829. Beda f'Malta il Ġurì.

16—1738. Saret Colleġjata il Parroċċa ta' S. Paŭl ta'l Belt.

17—1355. Miet is-Sultan Ludovicu li taħt il ħacma tiegħu chienet Malta.

# IS-SAHHAR FALZUN.

—« Le » ŭiegeb is-Sur Kalamias « ta' Filermu hi xbiha oħra li gibna magħna ucoll minn Rodi u li kiegħidniha f'San Laŭrenz. Dina hi għażiża ŭisk għaliex pingiha S. Luka stess u chienet miżmuma b'kima cbira f'Gerusalemm. Darba ŭieħed rodjott tilef chemxa flus seŭŭa f'in-negozju u tala fuk għolja ftit bogħod m'il Belt ta' Rodi biex jinxteħet għal is-fel u jtemm ħajjtu. Iżda dehritlu il Madonna u ħassritlu. Dan inxteħet għarcoptejh u ŭiegħidha li jibnilha cnisja hemm fuk. Hecc għamel u gieb fiha dic ix-xbiha li bdiet tagħmel ħafna għeġubijiet. Darba ŭara l-altar ŭieħed ħabb xbejba u bakgħu it-tnejn mejtin sobtu għaldakstant tissejjaħ ta' «Filermo» għaliex il chelma griega *Philermos*, b'ilsien tagħna tfisser « Imħabba moħbija. » Meta il Cavalieri ħadu Rodi fl-1310, sabu dic ix-xbiha ġa hemm u imħarsa b'kima cbira u fl-1480, ŭakt l-Assedju ta'żmien D'Abusson, dan il Gran Mastru daħħalha f'il Belt biex ma jisirkuhiex jeŭ ma jżebilħuhiex it-Toroc mnejn L-Isle Adam giebha miegħu bħalha l-actar ħaġa għażiża li chellu l-Ordni. L-eŭŭel għageb li għamlet il Birgu chien dac meta fl-1513, nhar il Għid, is-sagristan nesa il blandun jixgħel u kabad cull ma chien hemm f'San Laŭrenz, b'it-tapizzerija famusa li il Gran Mastru D'Abusson chien ta lil Cnisja ta' Rodi, barra m'ix-xbiha ta' Filermu li ma ittiefset xejn. Għageb ieħor sar fl-1552 meta il Cappillan ta'l Ordni, Stimati Condò, grieg, ta is-salt biex jisrak xi ħaġa sabiħa m'il ħafna egħŭiedi imdendlin li chellha, billi driegħu nxef u baka jperper donnu ċarruta b'għajb u .ugiegħ cbir tiegħu. Il Gran Mastru f'loc li senslu chif chien ħakku, ħallieh jiġri ma'r-riġlejn biex jibka bħal tbeżbiża għal ħaddieħor. » * (1).

—« Ħasibha tajjeb » kabeż kal Gaŭci.

—« K'ed nintebaħ » compla is-Sur Kalamias « li, bla ma ridt, ħriġt m'il għalka seŭŭa. Tasseŭ li il cliem bħa'ċ-cirasa; m'id-Daħla ta'l Gran Mastru bkajt sejjer lankas naf chif, f'il Madonna ta' Filermu. »

—« Billi » kabżet kalet Marija « iżda b'hecc nafu chemm hi għażiża dic ix-xbiha u ŭieħed meta jsib ruħu f xi dŭejjak cbar jitlobha għajnuna ħalli forsi tħenn għalina ucoll. »

—« Induru għal l-Ingress ttit » kal Gaŭci.

—« Mela nhar it-tlittax ta' Novembru « compla is-sur Kalamias « li chien nhar ta' Hadd, il Gran Mastru L-Isle Adam tala ma'l Cbarat tiegħu l-Imdina għal pussess fuk iż-żŭiemel. Il Cbarat ta'l Imdina niżlu sa tuk H'Attard biex jilkgħuh chif jixraklu riecbin u chienu b'collox ijlaħħku xi ħames mitt ruħ. Il Gran Mastru, meta ra dic il-lakgħa u dic il għeġŭegija ta' nies tifraħ bih, ħass kalbu toħla u ŭrihom li ħa pjacir. Mar f'Santu Ŭistin fejn biddel l-ilbies ta' rchib u iddandan ta' Sultan li chien; u minn hemm, taħt star ta'l ħarir miżmum m'il Ħachem, Nardu Calavà, u m'il ġurati, telak għal Bieb ta'l Imdina kalb id-dakk ta'l kniepen ferħana, l-għajat u iċ-ċap-cip ta'l idejn u l-isparar ta'l canuni ma' tul is-sŭar.

(*Jissocta.*)

---

*(1) * Dina ix-xbiha ta' Filermo meta il Cavalieri ħalleŭ il Birgu biex marru il Belt ħaduha b'festa cbira magħhom u kiegħduha f'San Ġŭann f'il Cappella li għadha iġġib l-isem, u minn hemm ħadha miegħu il Gran Mastru Hompesch, ma' driegħ S. Ġŭann u tahom lil l-Imperatur t'ar-Russja, Paulu I, li chien laħak Gran Mastru ŭarajh; u illum jinsabu magħżużin fi Cnisja żgħira ftit bogħod minn S. Pietroburgu.*

*Akraŭ f'il* **Bosio,** *f'il* **Ferris,** *u f'ħafna oħrajn l-istorja ta' dina ix-xbiha mkaddsa.*

★

B'ŭeġgħa ta' kalb cbira sejjer inħabbar il meŭt ta'l

**Cav: DUARDU VELLA L. L. D.**

li ġrat ftit ġranet ilu bla ma ħadd chien jaħseb fiha. Malta tilfet f'dana il bniedem ŭieħed m'il egħżeż fost uliedha għaliex l-Avucat Vella chien tasseŭ ijħobb lil pajjisu bi ħrara cbira u dejjem ħadem għalih chemm felaħ u l-actar biex ijgħallem lil poplu baxx li chien jixtiek ħafna jaraħ miexi il kuddiem. L-imħabba lejn il poplu baxx gegħlitu ma'l intelligenti sinjura tiegħu jicteb daŭc il cotba b'il malti li għamlu ħafna gid. Biex jakbeż għa'd-drittijiet mirfusa ta' pajjisu chien ħareġ Cunsiljier u sa chemm dam hemm fuk dejjem gieb ruħu ta' galantom u ta' veru patriott. Chien ucoll jieħu sehem f'il Cumitati tista tgħid collha ta' daŭc is-Soċjetajjiet li jixtieku jagħmlu il gid lil dina il gżira. Chien Conslu ta'r-Rumanija u chittieb b'it-taljan m'it-tajbin bħal ma juruna il ħafna articoli sbiħ li chien stampa f'il *Gazzetta di Malta* bl-isem ta' **Spartaco.** Alla jtiħ il mistriħ li ħakku u il ħlas għal għamil tajjeb tiegħu u lill familja tiegħu collha, u l-actar lil martu, is-sabar u il consolazzjoni li f'ħajjtu għix ta' galantom u dejjem keda dmiru seŭŭa. Nitolbu għa'r-ruħu!

A. L.

★

Telfa oħra ġarrab il pajjis b'il meŭt ħin bla ŭakt ta's Surmast

**ACHILL CESAREO**

li tista tgħid ħela ħajjtu biex għallem b'ir-rekka u b'il ħrara ħafna żgħażaħ li ħarġu mħarrgin tajjeb minn taħt idejh. Chien ragel tajjeb ħafna u ta' mgieba m'il aħjar u għalhecc cullħadd għela għalih ŭisk. Nitlobcom li tiftacru f'ruħu.

A. L.

Fetħet il

MISIDA PHARMACY

ta'l Farmacista **A. Agius.**

COLLOX B'IRĦIS U M'IL AĦJAR.

Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GĦOXRIN ġurnata jieħu



**L' ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

**267, STRADA REALE.**

GĦA'N = NERVUSI!

Meta thossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktugħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd joboghdoc, collox imgħaŭŭeġ f'il ħajja u tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn ijcolloc dic il marda li jsejjħulha

**NEVRASTENIJA**

u jecc tasseŭ hemm medicina li tista tfejjakha jeŭ li tagħmillec ħafna gid hi

**L-ANTINEVROTICU**

TA'L

**Prof: DE GIOVANNI**

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il aħjar tobba ta'l Italja. Timbiegħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

IPPRUVAUHA! GID TISTA TAGĦMEL BISS.

Fl-Istitut ta's-Sur C. L. Borg, ta' Strada Due Porte, 188-189 l-Isla jintgħata cors regolari ta'l-lingŭa ingliża, taljana, franciża, latina, ta'l Matematica u ta'l Cummerċ, ta'l Istorja, Calligrafija u Reliġjon.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos?
Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbigħu f'il ħŭienet principali.
F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

**Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlakha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kieghdin l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa jumejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu f'idejc; u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand**

# Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

## STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

**fejn ijsib ucoll ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u fajjenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.**

# Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI
TAD-DEHEB
GHAL
KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU
JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL
GHAND L'AGENTI F'MALTA




## C. CAMILLERI & SONS
## 50 STR. MERCANTI IL BELT




CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

BL. BY FORMOSA.

**In-"Nahla" tistampa ruħha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rokka collha u bi prezzijiet irħas forma.**

# IL KANPIENA L'OHRA

—

**Billi meta cont imsiefer is-Sur Dalli gieb f'in-" Nahla " tieghi il Manifest Elettorali tieghu u xi articoli ohra contra il Partit Nazzionalista u l-actar contra il LEADER tieghu, is-Sur Cicc Azzopardi talabni li jsamma ucoll f'il gazzetta tieghi il kanpiena tieghu lil karrejja ta'n- "Nahla". Billi il gazzetta tieghi ma hi mibjugha jeu marbuta ma hadd u dejjem fittixt li ma injassarha ma l'ebda partit u li bl-indipendenza collha fiha infittex il gid biss ta'l poplu, ma ghedtlux le, u cull min hu indipendenti u onest ma jatini l-ebda tort li lil l-imsiehbin ta'n-"Nahla" sejjer b'hecc insemmaghhom iż-żeuġ kniepen biex ijcunu jistghu jatu il vot scond il cuxjenza taghhom.**

**X'inhi il fehma tieghi f'dana il mument ġa ghedtulcom b'iż-żejjed. Iżnu tajjeb (bla ma tatu uiden gha's-sefsif ta'hadd) dac li kal is-Sur Dalli, is-Sur Cicc, jien u l-ohrajn u arau mohhcom u il cuxjenza taghcom lil min ijnebbhucom li ghandcom tatu il vot. U tuh bla passjoni, bla interess, bla simpatija jeu antipatija iżda biss lil dauc li jidhrilcom li kieghdin ijmixxucom l-ahjar, li kieghdin ijfittxu il gid ta'l pajjis, li ġa taucom prova ta'l onesta' politica u ta'l hila taghhom.**

**In-"Nahla" tieghi bhalha gazzetta tasseu bla passioni lejn hadd tiftah il bieb taghha lil cullhadd biex bla pastazati u tghajjir ijsamma l-lehen tieghu. Kuddiem il gid ta'l poplu ma hemmx u la hbieb u lankas ghedeuua tieghi hemm biss hbieb jeu ghedeuua ta'l poplu.**

**A. LEVANZIN.**

# Il Ghedeuua fil Politica

Sabiex incun nista inghid li ghamilt id-dmir tighi sa l'ahhar, minghajr ma nati cas ghat-tghaijir, ghal klaijet hziena u ghas-sefsif baxx li f'edan il mument keghdin jaghmlu contra tieghi bhallichiecu jen cont xi assassin jeu habsi, u m'hux dejjem serveit fedelment u bla interess lill paijisi — sejjer nicteb daun il chelmtejn lill dauc collha li ghal xi motiv sejrin jiccumbattu lili u lill shabi, u lill dauc ucoll nicteb li minghajr considerazioni ta xejn fehsiebhom isostnuhom.

Jen digià ghedt illi il questioni tar riforma tal Costituzioni chienet digiá *f'parti minnha decisa*, kabel ma jena mort f' Londra biex nithaddet mall Ministru tal Colonji. Infatti il Gvern Inglis chien digià iddichiara fill Parlament. sahansitra minn Meiju li ghadda illi chellu hsieb idahhal il Cunsilieri tal Poplu Malti fill Cunsill Esecutiv. Inquantu ghal hlas ta £ 300 fis-sena, tasseu li xejn ma chien intkal imma cull min jaf x'responsabiltà cbira jihdu dauc li imorru f'edac il post, u iz-zmien li iridu jahlu biex jakdu id-dmir taghhom li icollom jabbandonau l'interessi u il professioni taghhom, chienu jafu li dan il hlas chellu isir, bhalma sar fill Costituzioni tal 1887. U dan il principiu hua conosciut u mictub minn bosta chittieba cbar li kalu li dan il hlas hemm bżonnhu bhala garanzia sabiex il Gvern ma jcunx jista jittanta u ibixchel b'xi mod lil min icun keghd jahdem ghal paijisu, chif jithallsu f'cull paijis fejn ghandom Costituzioni.

Ghalecc hix hagia ciara bizzejjed li meta irriforma tal Cunsill Esecutiv chienet gia saret f'Mejju li ghadda, u meta jen xaghrejn uara mort f'Londra biex nitchellem mal Ministru (fix-xahar ta Luljiu) ma mortx biex inchellmu fuk il Cunsill Esecutif li chien già decis, imma biex inchellmu fuk il Cunsill Legislativ, u ingiaghlu jirriformah, jigifieri izidilna jeu icabbrilna in-numru tal Cunsilieri tal poplu, u katt imhabba it £ 300 chif l' eghdeuua tighi kieghdin jizzunzinjau bil kerk. Fuk dana hua uisk cert is-Sur Ninu Dalli, li ser johrog fit 3 Distrett contra tighi, ghaliex hu chien l'euuel uihed li ippropona fl'Associazioni Politica kuddiem il Cumitat sabiex jibghatuni Londra nitcheilem mall Ministru. Ghandi inghejd ucoll li meta l'Assistent Segretariu Seely chien fis 27 ta Lugliu mistoksi fill Parlament, u uiegeb li chien fi hsiebu jirriforma biss il Cunsill Esecutiv, jena minnufih mort fl'Officju tal Ministru tal Colonji u ipprotestajt li dic ir-riforma ma chienitx bizzejjed, u li il maura tighi f'Londra chienet biex nakla ir-riforma ucoll tal Cunsill Legislativ, u is-Sur Cox, Assistent Sotto Segretariu issicurani illi fuk il Cunsill Legislativ xejn chien ghadu ma iddecida.

Inghejd ucoll illi meta jena u il Marchis Dottor Mattei morna fit 3 ta Auuissu 1909 inchellmu il Ministru, jena irringrazzjajtu fuk ir-riforma tal Cunsill Esecutiv li chienet ilha li saret, imma id-discors taghna chien collu fuk in-necessità tar-riforma tal Consill Legislativ u dana juri biċ-ċar illi il fini tighi u ta shabi ma chienx hagia ohra hlief li nakilghu ir-riforma tal Cunsill Legislativ.

Lord Crewe, il Ministru tal Colonji, uighed lili u lil Dottor Mattei li ghandu mill g'did jicconsidra din il questioni, u chelli allura intorna f'Malta.

Naturalment hadd ma chien jistenna u jippretendi illi il Ministru (uahdu) jiddecidi minnufih u f'dac il mument din il questioni; jeu li jen chelli nigi Malta bil Costituzioni f'buti. Xi ftit taz-zmien chellu bzonn il Ministru sabiex iholl tant dfficoltajet li nibtu, u specialment biex jiddeciedi fuk l'interessi li il Gvern ta l'Inghilterra ghandu haun f'Malta.

Chiecu il Cunsill haun f'Malta ma giex mahlul u compla ghal sena ohra, jena cert li din il questioni chienet tcun decisa, u hatt ma chien jugsani li jen hdimt ghat £ 300. B'disgrazzja taghna però il Gvern haun Malta ghog'bu iholl il Cunsill, u fuk dan la ghandi htija jen u lankas shabi.

F'edauna ic-circostanzi x'chelli naghmel jen u shabi? Forsi li ma nithlux fill Cunsill, chif jippretendu dauc li hargiu contra taghna? Ma allura dana chien ijfisser ghalina li ma irridux incomplu niftehmu mall Ministru, u li irridu niddichiaraulu guerra fill uakt li irridu minnu u ked nistenneu minn ghandu decisioni favorevoli chif nixtieku ahna, chif jixtieku dauc stess li ser jiccumbattuna; u b' hecc nitilfu f'mument dac li ghalih ahna ilcoll ilna snin u snin nahdmu. Nistghu cunxenzjosament naghmluh dan? Ien nistaksih lill cull min ghandu ftit melh f'rasu, u jen cert li hua jirrispondi *lè* u *lè*.

Dana frattant iridu minna l' eghdeuua taghna meta ighidulna biex ma immorrux fill Cunsill. Huma iridu minna li inhallu ix-xoghol li gia bdejna mall Ministru fuk il Costituzioni ghal ragiuni li il Ministru ma tanix minnufih dac li tlabna fuk il Consill Legislativ meta jena u id-Duttur Mattei chellna conversazioni mighu; bhallichiecu meta inhallu ix-xoghol taijeb li gia bdejna ma tcunx hsara cbira lill pajjis, jeu li naghmlu deni lill Ministru u mux lill popolazzioni.

Ghal cuntrarju ahna ghedna: atuna ftit taz-zmien ihor sabiex incomplu dac li gia bdejna mall Ministru; u jecc nirnexxu tant ahjar u incun gid ghall cullhadd, u dauc li ghandom ix-xeuka li jidhlu fill Cunsill, icunu jistghu jidhlu meta iridu Costituzioni tajba; jecc imbaghad ma nirnexxux mic-circostanzi li icunu dehru, allura nerhu mill Cunsill u min ghandu il vot icun jista jatih lill min irid.

L'eghdeuua taghna però, li hasbu li it £ 300 ser ighammxulna ghajnejna u li ser nittradixxu il paijis jecc nibkghu fill Cunsill actar milli hemm bzonn, ked ighejdulna biex nifissau zmien li fih ghandna nakilghu il Costituzioni, inghejdu ahna fliet xhur, sitta jeu sena, inchella ma jatuniex il fiducja li sallum deijem tauna, u dan il cliem ked ighiduh lilna li, chif cullhadd jaf, ghal tant snin, hdimna ghall pajjisna minghajr hlas ta xejn, u b'sagrificcju ta l'interessi taghha; lilna li chellna tant occasionijet li nittradixxu lil paijisna — chif ghamlu tant u tant — u ma ghamilniehx sall giurnata tal lum.

Dina immela ma hix hlief scuza; ghaliex billi tiffissa zmien, tuil jeu kasir, jecc ahna galantomi bhalma sa issa dejjem conna, ma ghandux ghax uiehed inehhi il fiducja li sa issa chellu fina; u jecc mahniex galantomi, niffissau zmien jeu ma niffissauhx, hatt ma ghandu jemminna; ghaliex min hua briccun, jista jaghmilha ta briccun dejjem tant jecc jiffissa zmien chemm ucoll jecc ma jiffissahx. Jecc ghal cuntrariu ahna galantomi, jecc ahna sa issa dejjem ghamilna dejjem tajjeb, dana hua bizzejjed sabiex iservi bhala garanzija tal condotta taghna, u tal ueghdiet taghna li nerhu malli narau li ma iridux jatuna dac li jisthokkilna. U dan li ma niffissaux zmien, ma ghamilniehx addoċċ jeu chif giè giè, izda uara li ghall zmien tuil conna irrifiettejna fuk dac li jista isir. Jecc ahna ma niffissaux zmien meta ghandna nerhu mill Cunsill, il Gvern jista jahseb li ser nerhu minn giurnata ghall'ohra, minn mument ghall'ihor, u dan ma jakbillux u icollu hin bla uakt jatina l'irridu sabiex ma ikankalx pajjis shih; mentri jecc niffissau zmien x'hin ghandna nerhu mill Cunsill, il Gvern icun jista liberament jistenna sa dic inhar, sa dic il giurnata li incunu iffissajna, u jecc ahna ma incunux onesti nistghu nibkghu fil Cunsill sa dan iz-zmien collu, anchi ghad-dannu tal pajjis u naghmlu fattina, anche jecc ma icollna ebda tama, ebda certezza li ser nakilghu dac li tlabna.

Dina immela ma hix hlief questioni ta fiducja, questjoni jecc ahniex onesti jeu lè. In-nies onesti dana jafuh ben tajjeb.

Ahna intenzionati li nosservau f'collox il programm taghna, u cull min ma iridx jirragiuna chif joghg'bu, jaf u jifem li meta inghejdu li ahna inhallu mill Cunsill malli incunu sguri li ma iridux ituna ir-riforma tal Cunsill Legislattiv, ma incunux inghejdu li nistenneu icollna rifiut sod mill Ministru; ma bizzejjed li narau minn xi circostanzi illi il Gvern ma iridx jatina dac li irridu. Dana nistghu narauh uara xahar, uara sitt xhur, jeu izjed jeu inkas; però dana ghandu jsir sigur, u allura jcun dmir taghna li naghmlu li ueghedna, biex issir elezioni g'dida. X'nistghu inueghdu izjed minn dan? Jecc inueghdu xort'ohra incunu ta min jidhac bina, u incunu nissugrau li ingharrku il causa tal poplu li ghaliha keghdin nahdmu. Li chiecu ma conniex sguri minn dan, li chiecu conna infittxu l'interessi taghna biss, conna nafu inueghdu dac collu li iridu minna l'eghdeuua, sachemm nitilghu fill Cunsill; imbaghad naghmlu chif irridu u li joghgiobna. Ahna però dana ma naghmluhx, u inueghdu biss dac li nistghu naghmlu u li hu ta interess lill poplu, u b'dan jidhrilna li incunu keghdin natu l'isbah prova ta l'onestà, u inzidu il fiducia li ghandom fina. Jecc l' eghdeuua taghna jidrilhom li ghandhom jahsbu xort' ohra huma dejjem padruni; ma ghandhom jafu li b'dan huma icunu keghdin jaghmlu lill pajjishom l'icbar hsara, jigifieri li igiaghlu lill Gvern Imperiali inakkas u inehhi mill poplu malti dic il fiducia li jena u shabi giaghalnieh icollu; fiducia li fuka jistghu il maltin jorbtu li jacquistau xi hagia minnha. Jecc il Gvern Imperiali jitlef u inehhi minn fukna din il fiducia, ebda hagia ma nakilghu, ebda riforma ta Costituzioni ma tigina; imma ghal cuntrariu jizdidilna il jasar li ahna fieh. U ta dana collu il htija tcun ta l'eghdeuua taghna, u ta dauc li jatuhom il vot, u il poplu allura icollu ragiun jishet ghal dejjem l'isem tahhom.

Minn ghalia ghamilt id-dmir tighi collu mal baxxi u mal ghorrief u intelligenti, u fehsiebni incompli naghmlu sa l'ahhar f'edina il guerra li kanklu lili u lil shabi; u isir li isir, hatt ma icun jista icianfarni, ghaliex incun ghamilt dac collu li il coxienza giaghlitni naghmel ghal gid ta pajjisi.

F. Azzopardi P. L.

---

# Jhobbu lil pajjishom?

Meta uihed jizen tajjeb dac li kieghdin jaghmlu u dac li kieghdin ighidu dauc li harg'u jahdmu contra taghna jista malajr jintebah li l'eghdeuua taghna ma harg'ux b'il programm ghax ihobbu lil pajjishom izda biss ghal xi rag'unijiet u ghal xi interessi personali taghhom ma jridux juru x'inhuma.

Biex jiximcu il voti l-eghdeuua taghna kieghdin isefsfulcom li bejn dac li jridu huma u bejn dac li irridu ahna ma hemm differenza ta'xejn, li huma bhalna jridu u jixtieku ir-riforma ta'l Costituzioni u li jridu bhalna li tnejn mil Cunsiljeri li jig'u mahtura jidhlu fl'Esecuttiv u li bhalna jridu jahdmu biex nakilghu il maggioranza fil Legislativ.

Mela jecc dac li kieghdin ighidu hu minnu u jhossuh f'kalbhom, meta ahna kieghdin fil ftehim mal Ministru, klajna g'a bic'c'a milli tlabna u ghandna il ueghda li il Ministru ghandu jahsibha jecc jatiniex il cumplament, ghala harg'u biex ifixcluna, ghala harg'u biex jecc jirnexxilhom li jig'u maghzula jcollhom scond il programm tahhom jitilku u allura jisfratta mal Ministru il ftehim collu fuk it-tisuija tal Costituzioni?

Mela minn haun ma johorg'ux. Jecc tasseu jixtieku li nakilghu ir-riforma tal Costituzioni bhal ma bdejna ma chellhomx ifixcluna izda chellhom ihalluna incomplu dac li bdejna u li g'a usalna biex klajna xi hag'a minnu; jecc jibkghu jfixcluna u jirnexxilhom jitilghu f'il Cunsill biex jerg'ghu minnufih jinzlu bhala protesta icunu fixclu cull ftehim mal Ministru u b'hecc m'hux tasseu icun li jridu li ahna nakilghu it-tisuija ta'l Costituzioni li minnghajra il pajjis ma jista katt jehu ftit tar-ruh.

Halluni mela nistaksihom: "Jecc tasseu tixtieku il gid tal pajjis b'it-tisuija tal Costituzioni jidrilcom li kieghdin taghmlu seuua li hrig'tu tfixcluna f'dana il mument meta ahna g'a uasalna nofs triek f'il ftehim taghna?"

U tarau chif cull bniedem onest u indipendenti, cull bniedem li ma ghandux f'kalbu mibeghda lejna jeu interessi personali, jghid li le, u jghid ucoll li intom ja eghdeuua taghna irfajtu fuk spallejcom responsabbiltà cbira li sejrin tfixclu u forsi thassru dac li tant chien beda miexi tant tajjeb mal Ministru biex nakilghu ittisuija tal Costituzioni?

Jecc tridu ir-riforma halluna miexjin tajjeb u la tfixcluniex. Jecc tfixcluna m'hux tasseu li tridu minn kalbcom ir-riforma tal Costituzioni u ghalhecc mhux tasseu li thobbu lil pajjis.

L-eghdeuua politici taghna kalu li huma ma jridux li min jidhol fl-Esecuttiv jiehu it-tliet mitt lira. Izda dana kalghuh issa biex ifixcluna ma min ma jgharbilx seuua dina il questioni, Kabel cullhadd vuci uahda chien ighid li il Costituzioni li irridu mil Ministru hemm bzonn li tcun imfassla fuk dic tal 1887. Tajjeb, it-tliet mitt lira ta'l Esecuttiv huma il basi ta dic il Costituzioni tal 1887 u ghalhecc meta cullhadd rag'a ried lila jeu xi hag'a bhalha ghandna nifmu li hadd ma chien cuntrarju ghal hlas tat-tliet mitt lira. La chellhom dana il hsieb li jkumu contra it-tliet mitt lira ghala ma ghamluhx mil l-euuel halli uihed chien jistudja l-affari seuua fl-istampa, f'il Cunsill Popolari u mal poplu biex jecc conna narau li ma ghandhomx jintghatau conna infehmuh lil Ministru kabel ma fattar il ftira. Dana kabel ma sarx, mhux biss izda xi uhud mil l-eghdeuua taghna li huma membri tal Cunsill Popolari mhux talli ma kamux contra izda appruvau dac li chien intalab lil Ministru. Dana seuua? La l'affari ma dakkitx ghal uidnejhom ghala ma tkanklux f'il uakt? Billi jokomsu issa li il Ministru harig'ha x'jiehdu hlief ixeuuxu il poplu biex jaghmlu hsara ghal dac il ftehim li hemm miexi mal Ministru? B'hecc il Ministru ma jifhem katt seuua x'irid il poplu u tafu x'jaghmel? ma jatina xein,

U tafu x'rag'unijet giebu issa uara li saret il bic'c'a l-eghdeuua tat-tliet mitt lira? Kalu li dic is-somma tcun il prezz tat-tradiment.

Dana fi ftit cliem ifisser li jridu ighidu lil Ministru li f'Malta collha ma haunx zeug' galantomi biss li ma jinxtraux bi tliet mitt lira. Morru arau x'fehma jaghmel taghna il Ministru meta jakra dana hu li talli hu Ministru u talli jservi lil pajjisu jiehu l-eluf tal liri salarju f'issena u ma jittradiehx. Jecc il Ministru jdahhal f'rasu dac li jridu jdahhlulu l-eghdeuua taghna li il Maltin ma humiex hlief hafna nies disonesti, hafna imgeuuhin li jinxtrau u jbighu lil pajjishom ghal miserja ta tliet mitt lira f'is-sena chif triduh jibka jistmana, chif triduh jibka b'il hsieb li jatina Costituzioni li biha nistghu inmixxu b'idejna pajjis shih? Jecc ma haunx min tista tafdah fi tliet mitt lira f'is-sena chif tista tafdalu f'ideih trigija ta pajjis shih? Mela meta il pajjis icun f'idejna b'il mag-

gioranza tal Esecutiv ahna ghal ftit liri f'idejna nistghu la nittradixxu lil pajjisna nittradixxu lil l-Inghilterra ucoll. Dana li jridu jghidu bi cliemhom l-eghdeuua taghna. Jidhrilcom intom li meta il Ministru jifhem dac li jridu jfehmuh l-eghdeuua taghna jibka jafdana u sejjer jatina dic il Costituzioni li nixtieku? Dana hu il gid li kieghdin jaghmlu lil pajjishom l-eghdeuua taghna. Bil cliem ighidu li iridu ir-riforma tal Costituzioni u bil fatti jiscreditau lil paijis u lil Maltin ma l-Inghilterra u mad-dinja collha biex il Ministru ma jatina xejn. Jidhrilcom li dana hu patriottismu? Jidhrilcom li dauna it-talin harg'u Canditati biex tasseu chif kalu isalvau il pajjis? U ghala jiehdu lil cullhadd f'Malta katta uahda? Mela f'Malta collha huma biss haun onesti u galantomi li ma jinxtraux b'it-tliet mitt lira? Mela il Maltin l'ohra, u ahna li g'a tajna prova ghal hafna snin tal onestà taghna u li katt ma inxtrajna minn hadd cullhadd briccun, cullhadd imgeuuah ghal tliet mitt lira f'is-sena?

U natu il cas li il Maltin chienu tasseu chif kieghdin isefsfu l-eghdeuua taghna, nies li jittradixxu lill pajjishom ghal flus, nies li jimbighu ghal tliet mitt lira f'is-sena, jidhrilcom li hu patriottismu li uiehed ighidu u jistampah biex jasal f'uidnejn il Ministru u l-Inghilterra u nitilfu collox, nitilfu dac collu li zrajna u li già beda jinbet? Li uiehed jicxef l-aghuar tal pajjis, jecc ghandu, kuddiem il ghajnejn tal Ministru li minn ghandu irridu it-tisuija tal Costituzioni jidrilcom li hu patriottismu, li hu il veru gid tal pajjis? Mela jecc jafu li ma hux ghala biex jiehdu il gost jfixclu lilna ghal l-interess personali li ghandhom jiscreditau pajjis shieh u jgharrku il gid tieghu collu? Jecc jidrilhom li fostna hemm xi hadd disonest chien imisshom jiccumbattuh fuk hecc u m'hux jaghmlu chif ghamlu li biex jiccumbattu lil min joboghdu personalment ikanklu dan il hama, jitfghuh f'uic'c' il pajjis igifieri f'uic'c' l-eletturl li jridu il vot minn ghandom stess.

Inzidu hag'ohra. L'eghdeuua taghna u ta pajjishom ma iridux li min jidhol fil Cunsill Esecuttiv jithallas ta' xoghlu biex ma isirux tradimenti u biex ma jintghafasx il pajjis. Tajjeb. La kalbhom tahrakhom hecc kauui lejn pajjishom li jridu li dac ix-xoghol ghandu isir b'xejn ghala ma joffrux ruhhom biex jaghmluh huma? Le, huma ma iridux li haddiehor jithallas ta xoghlu izda ix-xoghol ma iridux jaghmluh huma, ghaliex huma ma iridux jitilghu jahdmu fil Cunsill, iridu biss ghal fini ta mohhom ifixclu lilna b'dannu cbir tal pajjis u bhal ghakrux jerg'ghu jidhlu g'o koxrithom. Dan seuuà? Ghala ma jibdeux jatuna huma l-esempju tad-disinteress billi jiehdu fuk spallejhom huma dac ix-xoghol bla hlas ta xejn? Ghala ma jippersuadux lill Ministru li ghallankas jecc il Maltin (chif kalu huma) ma humiex hlief hafna tradituri li jinxtrau u jbighu lill pajjishom bi tliet mitt lira, haun ghallankas il fula f'kargha ta tmien galantomi disinteressati li jridu jitilku ix-xoghol professionali taghhom u jincreu is-sena collha bla hlas ta xejn? Izda dana ma iridux jaghmluh, ghaliex il giustizzia hadd ma iridha uara biebu, ghaliex li tipprietca lill haddiehor hi hag'a hafifa u sabieha hafna izda ma hu xejn hafif u sabieh ghalihom li dana is-sacrific'cju jaghmluh huma. Fejnu mela dac il patriottismu li kieghdin jiftahru bih? Forsi il patriottismu taghhom collu kighed billi johorg'u ichescsu lill minn hadem già hafna ghall pajjisu bla hlas ta' xejn u jerg'ghu jistahbeu u jhallu il pajjis in ciotla bla ma jcollu hadd, b'il flus jeu le, min jahdem ghalieh? Imbaghad hu tasseu li huma ma jridux jidhlu fl-Esecuttiv u li huma ma iridux it-tliet mitt lira? Kaluh baxx baxx f'it-torok mal hbieb izda f'il programm taghhom ma kaluhx. Ghala?

F'il programm taghhom kalu li, ghandhom jitilku bhala protesta jecc icunu mahturin huma izda ma kalux meta, jecc hux malli jitilghu jeu uara xahar jeu uara sena? Ghala ma uieghduhx ca'r lil l-eletturi biex icunu jafu chif sejrin jatu il vot? Mela jecc ahna c'ar u tond, onestament u ta galantomi, ghedna li ma nistghux niffissau data meta ghandna niddimettu ruhna, huma ghamlu l-istess hag'a bil mohbi, b'kerk tal eletturi, ghaliex la ma iffissaux fil programm id-data ezatta tad-dimissioni jistghu jinterpretau il programm taghhom chif iridu u chif jakblilhom u jistghu b'hecc idumu hemm fuk chemm iridu u forsi actar minnna. Mela ghala jiccumbattuna b'it-tpec'liek fit-torok u meta jaslu ghal veru tueghid tal programma jahbu idhom? Dan seuua? Hag' ohra. L-eghdeuua taghna pecilku ucoll li ma iridux it-tliet mitt lira, li mhux seuua li min jahdem fl-Esecuttiv jithallas; izda dana ueghduh xejn fil programm taghhom? LE. Mela huma ma humiex marbutin bil programm mal eletturi li ma jridux it-tliet mitt lira u li ma ghandomx jiehduhom. Min jaf ghala dana ma kaluhx c'ar u tond fil programm? Tghid inseuh? Is-Sur Dalli, l-avversarju tighi fit-Tielet Distrett chien uieghdu f'il programm tieghu li deher f'dina in-"Nahla" izda dac il programm, okoghdu attenti, mar ma ir-rieh, is-Sur Dalli f'jumejn telak dac il programm b' cull ma uieghed fieh u iffirma il programm tas-Sur Roncali u shabu u b'hecc is-Sur Dalli ma hux sejjer johrog' Candidat ghal dac li hu chien hambak ghalieh f'il "Patriota" tieghu u fil "Malta Taghna" u f'il manifest li deher f'in-"Nahla" izda ghal hag'a differenti ghal collox li ghaliha ma chien kabel hambak katt. F'jumejn mela dana is-Sur Dalli biddel ghal collox il fehma tieghu; f'jumejn iffirma zeug programmi bla ma kalilcom liema hu il veru programm tieghu, f'jumejn minn Captan sar Capural tas-Sur Roncali. U f'il hin li uieghed fl-euuel programm li ma jridx it-tliet mitt lira (forsi ghax jaf li hemm rag'unijiet li ghalihom lilu daun it-tliet mitt lira ma sejrin joffruhomlu katt, u allura la ma jistax jiecol hu, icheschesch, u l'impossibiltà li johodhom hu jaghmilha f'ghajnejn il poplu sacrificcju u virtù) fl-ahhar programma minn dan collu ma issemma xejn, zied biss ma dac li kal kabel u telku dauc l'idei tal progress li fieh il programm tal Liberali u li bizzejjed inghidulcom li harg'u mil pinna poetica u liberali tal Avucat Roncali.

Ghad li chif ighidu l'eghdeuua taghna ma jogh-g'obhomx li min jahdem fl-Esecutiv jithallas, katt ma chellhom il hila ighidu li ma hix hag'a tajba li il Cunsiljeri jidhlu fl-Esecutiv. Biss iridu li dauc li jidhlu ma jithallsux. Izda dana ma jig'ri fl-ebda pajjis taddinja fejn hemm irjus gharfa uisk actar mil eghdeuua taghna u sa chemm fil Costituzionijet tal pajjis l-ohra cull min jahdem fl-Esecutiv jithallas dana juri b'ic-c'ar li l-irjus gharfa ta Barra fehmu li hu actar ghal gid tal pajjis li jithallsu milli le; ghala ma ghandniex nimxu fuk il pajjisi l'ohra f'din il bic'c'a? Mela il Ministri tal potenzi l-ohra collha huma tradituri, huma collha mibjugha biss ghax jithallsu?

Inzidu hag'ohra. U billi min jahdem fl-Esecutiv ma jithallasx allura b'daks hecc, jecc icun disonest, ma jistax jinbiegh, ma jistax jittradixxi lil pajjisu, ma jistax jecc il Gvern icollu bzonnu jatih tliet mitt lira baxx, baxx, mil fondi segrieti? ma jistax jatih impieg bi tliet mitt lira f'is-sena jeu actar ghal ghomru? Mela m'hux it-tliet mitt lira huma il guaj taghna izda il guaj taghna jigi m'il onestà jeu le ta dac il Cunsiljier li jidhol fl-Esecutiv. Jecc icun onest b'it-tliet mitt lira ma jinxtarax; jecc ma jcunx onest, bla ma jehu it-tliet mitt lira, jittradixxi lil pajjisu xort' ohra. Anzi bit-tliet mitt lira li jehu minn fuk spallejn il poplu ahjar, ghaliex jecc icun imhallas mil poplu jakbillu iservih u ma ifittix il flus tal Gvern, izda jecc jitlef ix-xoghol tal professioni tieghu u il poplu ma jirricompensahx icun izjed fil periclu li jaghma ghal flus tal Gvern.

Mela dina l-affari tat-tliet mitt lira ma hix hlief tcheschisa tal ghedeuua biex ifixcluna bla ma dac li ighidu hiereg' minn kalbhom. Ftacru li huma ma ueghdux li ma ghandhomx jiehdu it-tliet mitt lira fil programma taghhom, ftacru li ma offreux iruiehhom biex jahdmu huma bla interess ta xejn, izda ueghdu biss li ghandhom ichescsu, ifixclu lilna u jitilku ghal xoghol-hom.

Ftacru li min jakdicom ahjar thallsuh intom bhal ma jaghmlu il popoli l-ohra milli thalluh fl-occasioni li jhallsu il Gvern baxx baxx.

U tahsbu intom li dauna it-tliet mitt lira huma xi hag'a cbira biex bil fors ghalihom uiehed ghandu jimbiegh u jittradixxi lil pajjisu? Jecc icun xi hadd li ma jaklaghhomx mil clienti jeu mil l-abbonati tal g'urnal tieghu tasseu li tliet mitt lira huma xi hag'a cbira u hemm tasseu ghal fejn uiehed jimla ghajnejh bihom; izda meta uiehed icun jaklaghhom mil profes-

sjoni tieghu ma jakbillux li jitlef it-tliet mitt lira tal clienti li jsibuh dejjem biex jimbieh ghal tliet mitt lira li il Gvern jista jsejjahlu ghalihom ghal ftit zmien biss; mela it-tliet mitt lira jistghu jixtru lil min katt ma kalaghhom jeu mhux kieghed jaklaghhom f'sena u mhux lil min biex jidhol fl-Esecutiv jitlef dakshom jeu actar minnhom. Izda il hajjat dejjem ifassal fuk kalzietu u cullhadd jati milli ghandu. Dana l'argument li l-eghdeuua giebu contra it-tliet mitt lira hu ghalija l-acbar argument contra il fiducja politica taghhom.

Kalu li il mibchi Avucat Mizzi chien contra it-tliet mitt lira,—mhux tasseu. L'Avucat Mizzi meta ra li il Gvern, fl 1898, ried jsejjah fl-Esecutiv lil min ma chienx Cunsiljer accetta li ghandu jahdem fl-Esecutiv bxejn; izda il Gvern ma accettax u ghalhecc il poplu b'dannu cbir tieghu chellu jibka bla Rappresentant tal pajjs fl-Esecutiv. Hadd ma jista jmakdar lil Mizzi talli offra b'sacrificcju cbir tieghu u tal familja tieghu li jahdem b'xejn fl-Esecutiv izda ghala bil fors cullhadd ghandu jasal bhall kasba tixxejjer f'ir-rieh meta ma jcunx jista jaghmel dac is-sacrificcju chif tixtiek kalbu?

Inghidu issa xi haga fuk x'inhu l'ahjar li il poplu jcollu zeug' membri fl-Esecutiv jeu le; igifieri li nitilghu ahna u tnejn minna jidhlu fi-Esecutiv jeu li jitilghu l-eghdeuua taghna, jiddimettu ruhhom, u jhallu fil Cunsill Esecutiv ighassed lil gvern bid-Deputati tighu biss.

Il Gvern ilu biex ikankal it-Taxxi. Jecc il Membri Ufficjali tal Esecutiv jilhku jippersuadu lil Gvern li hemm bzonn tat-taxxi u ma imerihom hadd it-taxxi actarx ighaddu. Izda jecc icun hemm tnejn mil Cunsilieri tal poplu u jirrag'unau contra it-taxxi il Gvern jista jahsibha darbtejn u ma jghaddihomx. Izda jecc il-ligi tat-taxxi tohrog', allavolja uara il membri tal Legislativ ifehmu lil Gvern li dic il-ligi hi hazina u hu jintebah li ghamel sball, dana ma hux sejjer jaghmel figura ta tifel u jirtiraha, mela ahjar dac li ghandu jisma contra dic il-ligi jisimghu kabel johrog'ha milli jisimghu uara, ghaliex jecc jisma ir-ragunijiet kabel jista jisua lil poplu, jecc uara le. U biex il Gvern icun jista jisma ir-ragiunijiet kabel hemm bzonn li jcun hemm xi hadd fl-Esecutiv. Hemm min kal li billi il Cunsiljeri huma in minoranza il membri fl-Esecutiv ma jistghu jaghmlu l'ebda gid—m'hux tasseu. Chiecu fil Legislativ chellna il maggioranza chiecu conna incunu nistghu bil vot inuakkghu dac li jaghmlu fl-Esecutiv, izda meta fil.Legslativ ma hemx is-setgha tal voti ahjar li jcun hemm xi Rappresentant tal poplu fl-Esecutiv biex iuakka mal Gvern dac li jsefsfulu il Membri Ufficjali.

Hemm fin-nofs ir-Riforma tad-Duana li saret fuk li kal is-Sur McCarthy. Il Gvern kal li dic il-ligi hi bi prova u li hu bi hsiebu iseuui fiha dac collu li jcun ta dannu ghal poplu u ghal Cummerc. Mela mhux ahjar li jcun hemm fl-Esecutiv xi Rappresentant tal poplu biex meta jithaddtu fukha dana jfissirlu liema hu id-dannu tal cummerc bhal ma ghamilt g'a jiena annom ta hafna negozjanti? Il Pesaturi tad-Duana kieghdin jistenneu lil Cunsiljeri jitilghu biex ifittxu dauc id-drittijet taghhom li ma tatomx ir-riforma mh'ux ahjar li uiehed jitchellem meta tcun ghada tithauuar il borma milli meta l-ichel icun g'a maklub fil platt?

Mela jecc il Gvern icun irid jaghmel xi taxxi, jeu jissellef xi somma cbira ta flus li tirvina ghal collox il pajjis, jeu ma jcunx irid iseuui il Ligi tad-Duana billi l-eghdeuua taghna jitilghu u jinzlu x'gid jistghu jaghmlu? M'hux ahjar li jcun hemm lehen jeu tnejn li jsemmghu lil Gvern ir-rag'unijiet contra milli inhallu lil Gvern ghal riehu li jeu ma jitkankalx ghal dac li hemm bzonn jeu ighassed chif jifhem hu ghal dac li bil parir tal Membri ufficjali biss jista jsir ghaddannu tal poplu?

Actar. Il Gvern sejjah Cummissjoni contra ix-xeuka tal Cunsiljeri tal Poplu biex tistudja l-economija fil pajjis. Billi daun impjegati mil cbar ma nahsibx li iridu li l-economija ghanda issir fuk l-impiegati il cbar, u ghalhecc jeu jigu it-taxxi jeu ibatu l-impiegati izzghar. Izda jecc meta jinkara ir-Rapport fl-Esecutiv icun hemm min jifli tajjeb ir-Rapport u jithaddet contra in-nukkas jeu il mohkrija tieghu il Gvern jista jseuui xi hag'a, izda il Membri Ufficiali ma humiex sejrin jitkanklu hlief jecc dac ir-rapport imiss lilhom biss; li jakbzu ghal gid tal poplu jeu tal impiegati baxxi huma la tistenneuhx. Mela meta l-eghdeuua taghna jitilghu u jinzlu ihallu ix-xlief collu f'idejn il Gvern u fuk il fehma tal Membri Ufficjali biss; izda jecc nitilghu ahna dauc li jidhl u fl-Esecutiv jistghu jiccriticau ir-rapport u dic il critica mal Ministru tista tisua xi hag'a ghaliex hi dejjem ahjar mix-xejn li iridu l-ohrajn.

L-eghdeuua taghna kalu ucoll li ahna cuntenti b'dac li tana il Ministru. M'hux tasseu ghaliex ahna bghatna dispacc lil Ministru biex ghednilu li dac li tana mhux bizzejjed u jiena mort Londra m'hux ghal hag'ohra hlief biex infihem lil Ministru li bla maggioranza fil Legislativ dac li tana ma hux bizzejjed.

Mela ahna irridu izjed milli tana u dana jafu cullhadd ghad li l-eghdeuua taghna iridu ighauug'uh.

Lankas ma hu tasseu li irridu biss nidhlu fl-Esecuttiv biex nittradixxu il poplu chif gieb u lahak.

Lankas ma hu tasseu li billi nitilghu fl-Esecuttiv ma nisueu ghal xejn contra il maggiuranza tal Gvern. M'hux ahjar jecc mhux is-setgha tal voti li ma ghandniex il critica u l-opposizioni taghna mix-xejn li jridu l-eghdeuua taghna?

Chiecu il Ministru kal li ma fi hsiebux jati xejn izjed lil poplu ahna ucoll conna nifmu li uiehed ghandu jastieni ruhu mil Cunsill; izda dana ueghidni meta cont Londra li ghandu jistudja l-affari tal maggiuranza tal-Legislattiv u jecc ghandhomx jidhlu mil gdid il Kassisin fil Cunsill u ma tcun xejn hag'a tal ghageb chiecu jghid iva. Mela ghala f'loc li nonfru ma nistabrux ftit iehor halli narau chif jiddecidi il questioni u imbaghad narau chif uiehed ghandu igib ruhu fl-elezzjonijiet?

Mela dana it-tflxchil li kanklu l-eghdeuua taghna jeu hu bic'c'a genn gha lmibeghda li ghandhom lejna bla ma hasbu x'deni cbir sejrin iuakkghu fieh lil pajjis; jecc mhux hecc hu xi hag'a aghar igifieri li tefghu uara spallejhom cull gid tal pajjis, li ma ihabblux rashom bid-dannu li jista jaka fuku basta jisserveu bil poplu biex iferrghu il mibeghda personali li ghandhom lejna ghar-rag'unijiet personali taghhom. Ghaliex chiecu chienu kieghdin iharsu lejn il gid tal pajjis u mhux lejn il passjoni u lejn l-interess personali taghhom ma chienux f'gimgha ig'arrfu dac ix-xoghol collu li b'tant sabar u gharak bih usalna biex hadna xi hag'a u li bih nitma li nakilghu izjed.

Jecc jitilghu l-eghdeuua taghna billi jerg'ghu jinzlu u billi itellfu il fiducja f'dac collu li ghidna u ghamilna ahna m'hux biss ma nakilghu l-ebda tisuija fil Costituzioni izda actarx nitilfu dac li il pajjis kala fuk cliemna.

Jecc il poplu jaghzel lilna juri li dic ir-riforma li tlabna riedha il poplu per mezz taghna u li irid li ahna nibkghu nithabtu biex nakilghu izjed u meta il Ministru jara li ahna kalb uahda u irridu it-tisuija nitma hafna li jatihielna. Izda jecc jitilghu l-eghdeuua taghna jfisser li dac li tlabna ma talbux il poplu izda ahna biss u ghalhecc la ma jarax fina ir-rieda tal poplu ma jatix izjed izda actarx inehhi li ta. Mela jecc tasseu tridu it-tisuija tal Costituzioni ivvotau ghalina jecc tridu ic'c'anfru il Ministru ghalli tani u ghalli actarx bi hsiebu jatina ivvotau ghal l-eghdeuua taghna. Jiena incun ftahtilcom ghajnejcom bizzejjed.

F. Azzopardi P.L.
Candidat ghat-Tielet Distrett.

Stamperija "Empire" Num. 8 Str. Magazzeni, il Furiana.